



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

2009/2152(INI)

5.3.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-White Paper tal-Kummissjoni: ‘L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni’
(2009/2152(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kriton Arsenis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi tal-White Paper fuq li tiżdied il-kapaċità ta' rkupru tal-ekosistemi kollha bħala difiża essenzjali kontra l-impatti l-aktar estremi tat-tibdil fil-klima;
2. Jerġa' jtenni li l-gassijiet serra maħluqa mill-bniedem għandhom effetti wiesgħa fuq id-dinamika kumplessa tal-ambjent tal-baħar u li l-ekosistemi tal-baħar li diġà jinsabu taħt pressjoni mit-tniġġis u mis-sajd li mhux regolat biżżejjed u illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) qed jintlaqtu wkoll minn temperaturi aktar sħan, żieda fil-livelli ta' wiċċ l-ilma, tibdiliet fis-salinità u l-aċidifikazzjoni, tibdiliet possibbli fiċ-ċirkulazzjoni tal-kurrenti oċeaniċi kif ukoll id-distribuzzjoni spazjali ta' organiżmi akkwatiċi ħajjin (ħut, molluski, krustaċji, eċċ) u l-firxa tagħhom matul il-kolonna tal-ilma; barra minn hekk ifakkar li mudelli xjentifiċi jipprevedu li se jkomplu jseħħu żidiet fit-temperatura atmosferika u fil-livell medju tal-baħar u li l-aktar mod effettiv li bih jista' jiġi ffaċċjat it-tibdil fil-klima huwa billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;
3. Itenni li matul is-seklu li għadda ġiet irreġistrata żieda ta' 0.6°C fit-temperatura atmosferika u żieda fil-livell medju tal-baħar ta' 0.17m, u li l-mudelli xjentifiċi użati għall-istudju ta' dawn is-suġġetti jipprevedu li dawn il-valuri se jkomplu jżiedu matul dan is-seklu;
4. Ifakkar li l-impatt potenzjali tat-tibdil fil-klima jista' jkollu konsegwenzi devastanti għal uħud mill-ibħra Ewropej li huma aktar magħluqin, bħal fil-każ tal-Baħar Baltiku; jinnota li xi studji xjentifiċi jipprevedu tnaqqis ta' 8-50% fis-salinità tal-ilma u żieda ta' 2-4°C fit-temperatura ta' wiċċ l-ilma, sitwazzjoni li tista' teqred il-biċċa l-kbira tal-fawna u l-flora tal-baħar jekk dan it-tbassir joħroġ li hu korrett;
5. Jinnota li t-tnaqqis rapidu ta' xi stokkijiet Ewropej tal-ħut li jirriżulta minn pressjonijiet fuq l-ambjent ikkaġunati mill-bniedem qed inaqqar il-bażi ekoloġika u ekonomika tas-sajd, u lill-ekosistemi tal-ibħra qed jagħmilhom aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u b'hekk anqas kapaċi jadattaw irwieħhom¹;
3. barra minn hekk jinnota li s-settur tas-sajd irid jadatta ruħu għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jirrispetta d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli;6.
Jinnota li t-tibdil fil-klima, permezz tat-tnaqqis rapidu fid-daqs tal-iskolli tal-qroll u l-għadd tal-annimali kalċiferi, it-tibdiliet fiċ-ċikli riproduttivi tal-ispeċijiet u fil-proporzjon tagħhom bejn is-sessi u l-aċidifikazzjoni tal-oċean li dan jikkaġuna, sejjer ikompli jipperikola l-istokkijiet tal-ħut² u jnaqqas il-kapaċità tal-oċeani li jassorbu s-CO₂³, u b'hekk imbagħad tkompli tikberil-konċentrazzjoni tas-CO₂ fl-atmosfera u jaċċellera t-

¹ Green Paper dwar Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)0163)

² Il-kapaċità tal-ibħra għall-assorbiment tal-karbonju tbaxxiet b'10% bejn l-2000 u l-2007.

³ FAO, Dokument tekniku 530 (2009) 'Implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima għas-sajd u l-akkwakultura' (Climate change implications for fisheries and aquaculture).

tibdil fil-klima¹;7. Jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li l-bidliet fil-livell tal-baħar se jagħmlu ħsara estrema lill-ekosistemi tal-baħar u taż-żona tax-xatt effettwata mill-marea, billi jolqot liż-żoni li huma ta' importanza kbira għall-produzzjoni primarja, ir-riproduzzjoni, ir-reklutaġġ u l-kenn ta' ħafna speċijiet, u b'hekk tkun qed issir ħsara wkoll lill-attività tas-sajd, tas-sajd għall-molluski u l-krustaċji u tal-akkwakultura kif ukoll lill-bijodiversità tal-baħar; jirimarka, ukoll, li dawn l-ekosistemi huma vulnerabbli wkoll għall-bidliet fis-salinità u fit-temperatura tal-ilma aggravati mit-tibdil fil-klima;

8. Itenni li l-migrazzjonijiet ta' diversi organiżmi tal-baħar (ħut, molluski, krustaċji, eċċ.) minn reġjun bijoġeografiku għall-ieħor jistgħu jwasslu għall-għajbien ta' xi speċijiet awtoktoni, u għall-invażjoni ta' speċijiet aljeni f'reġjun partikolari. Jinnota li dawn il-varjazzjonijiet jista' jkollhom konsegwenzi importanti għall-industrija tas-sajd, li jista' jkollha diffikultajiet biex tadatta ruħha għall-kundizzjonijiet bijoloġiċi u ekonomiċi ġodda;
9. Jinnota li t-tibdil fil-klima se jkollu implikazzjonijiet ekonomiċi li jistgħu jkunu ħorox għas-sajd Ewropew, sew industrijali kif ukoll ta' skala żgħira; jitlob għalhekk li jitqiesu sistemi alternattivi ta' mmaniġġjar tas-sajd u t-tnaqqis fil-kapaċità ta' diversi taqsimiet tal-flotta Ewropea, bil-għan li jiġu stabbiliti prattiki sostenibbli tas-sajd u tal-akkwakultura, adattati għall-kundizzjonijiet il-ġodda tal-klima;
10. Jenfasizza l-vulnerabilità partikolari tal-portijiet tas-sajd u tal-impjanti tal-akkwakultura għaż-żieda fil-livell tal-baħar, billi dawn l-infrastrutturi jinsabu matul ix-xifer tal-linja tal-kosta; jenfasizza wkoll is-sinifikat ekonomiku u soċjali tagħhom; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex tagħtihom importanza speċifika fil-miżuri ta' adattament u ta' analiżi tar-riskji u biex tiffoka bir-reqqa fuq l-ispejjeż ekonomiċi għal dawn l-infrastrutturi f'każ tan-nuqqas ta' adattament għat-tibdil fil-klima ;
11. Jinnota li l-flotot żgħar tal-inħawi tal-kosta, partikolarment il-flotot artiġanali, jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-kapaċità ta' rkupru tal-komunitajiet kostali, l-adattament għat-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-ikel, bil-kundizzjoni li jkunu applikati prattiki sostenibbli tas-sajd; jirimarka li għandu jkun inkuraġġit għal kull tip ta' flotta l-investment f'taġħmir li jirrispetta aktar l-ambjent; itenni wkoll l-importanza li għandu s-sajd għall-koerenza soċjali u kulturali tal-komunitajiet tal-kosta;
12. Jikkundanna l-fatt li Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali matura u li tiffunzjona tajjeb li tinvolvi l-livelli rilevanti kollha tal-gvern għadha s'issa rari titqiegħed fil-prattika²; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali³ huma aġġornati, rinforzati u implimentati fil-kuntest usa' tal-Politika Marittima Integrata, filwaqt li jiġibu flimkien il-politiki settorjali kollha marbuta mal-baħar u l-oċeani; barra minn hekk jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm involviment mill-qrib tas-settur tas-sajd, tas-sajd għall-molluski u l-krustazji u tal-akkwakultura, filwaqt li

¹'Il-Karbonju Blu: ir-rwol ta' oċeani sani fiż-żamma tal-karbonju', UNEP, FAO u IOC, 2009 (Blue Carbon: the role of healthy oceans in binding carbon)

² Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Valutazzjoni tal-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali (ICZM) fl-Ewropa (COM(2007)0308).

³ Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali fl-Ewropa, ĠU L 148, 06.06.2002, p. 24.

wieħed għandu jiftakar kemm dawn l-attivitajiet huma importanti għaż-żoni kostali; 13.

Iħeġġeġ lill-Kummissjoni bil-qawwa biex tiżgura li jiġu żviluppanti u implimentati strateġiji tal-ibħra, li japplikaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem, biex jintlaħaq status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, kif tipprovdi d-Direttiva 2008/56/KE;

14. Jistieden lill-Kummissjoni, b'dan il-għan f'moħħu, biex tagħmel studji maħsuba biex jivvalutaw il-fenomenu tal-alka ħadra u l-impatt tagħha fuq l-industrija tas-sajd; jitlob, ukoll, li jitwettaq studju fuq l-influwenza li għandu fuq iċ-ċaqliq ta' ċerti speċijiet tal-baħar it-tibdil fil-kurrenti li jseħħ minħabba t-tiħin tal-klima;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tmexxi riċerka xjentifika fuq ir-riżorsi tas-sajd fl-ibħra boreali, u biex tippromwovi ġestjoni sostenibbli tas-sajd fiż-żona skont il-prinċipju prekawzjonali, filwaqt li tħeġġeġ moratorju fuq kull tip jew żona ta' sajd ġodda fl-Artiku sakemm tilħaq issir regolamentazzjoni adegwata fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd (ORS);
16. Jenfasizza li s-soluzzjoni għat-tibdil serju tal-klima li ninsabu għaddejmin minnu jeħtiġilha tissejjes primarjament fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-protezzjoni u l-espansjoni tal-ekosistemi naturali, li huma l-aktar bjar tal-karbonju sinifikanti tad-Dinja, u li l-kapaċità ta' rkupru tal-ekosistemi tal-baħar u tal-art tiddependi mill-konservazzjoni tal-bijodiversità daqs kemm tiddependi miż-żamma ta' popolazzjonijiet adegwati u tal-ħabitats tagħhom;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li jingħata finanzjament adegwat għall-protezzjoni tal-ekosistemi u għall-kumpens lis-sajjieda għat-telf ta' dħul li jġarrbu relatat mal-klima;
18. Iqis li huwa meħtieġ li jiġi ggarantit finanzjament adegwat għar-riċerka li se tinforma d-deċiżjonijiet ta' politika fil-qasam tat-tibdil fil-klima u s-sajd u l-akkwakultura; jenfasizza li r-riċerka kif ukoll il-miżuri sussegwenti għandhom ikunu ta' natura multidixxiplinarja, li jkunu jindirizzaw l-assjem tal-pressjonijiet li hemm fuq is-sajd u l-akkwakultura, inklużi t-tniġġis ta' mal-kosta kif ukoll ta' ftit 'il barra mill-kosta, l-effluwenti industrijali u agrikoli, l-alterazzjonijiet li jsiru lir-rotot tax-xmajjar, it-tħammil ta' ibħra fondi, l-attivitajiet tal-portijiet, it-transport u t-turiżmu marittimu, fil-kuntest ta' approċċ integrat u bbażat fuq l-ekosistemi;
19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-adattament permezz tal-kapaċità ta' rkupru tal-ekosistemi għandu jiġi integrat fil-pożizzjoni tal-Komunità fin-negożjati internazzjonali dwar is-sajd u l-ambjent tal-baħar, u b'mod l-aktar partikolari fil-Ftehimiet ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd u l-ORS.
20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipparteċipa b'mod attiv fit-twaqqif ta' 'fond għall-karbonju blu' fil-kuntest tal-UNFCCC; jisħaq li t-tali fond għandhu jesplora mekkaniżmi finanzjarji u ta' koordinament għall-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-kosta u tal-baħar u tal-karbonju oċeaniku, bħala parti minn strateġija globali għall-ippjanar rigward il-baħar;
21. Jenfasizza li l-kapaċità ta' adattament tal-industrija tas-sajd għall-varjazzjonijiet fil-produttività u r-reklutaġġ fid-diversi żoni u impriżi tas-sajd tiddependi mill-fatturi li

ġejjin:

- kapaċità ta' sajd proporzjonata mal-kapaċità produttività tar-riżorsa fil-fażijiet l-anqas produttivi tagħha,
- id-disponibilità ta' riżorsi tas-sajd alternattivi,
- investiment f'teknoloġiji flessibbli bħal m'huma bastiment "multiużu" u ktajjen tal-ipproċessar flessibbli,
- l-eżistenza ta' attivitajiet ta' għajxien alternattivi għas-sajd waqt perjodi ta' produttività baxxa¹.

¹ FAO (2007): Addattament għat-tibdil fil-klima fl-agrikoltura, il-foresterija u s-sajd: Perspettiva, qafas u prijoritajiet (Adaptation to climate change in agriculture, forestry and fisheries: Perspective, framework and priorities).

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.2.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Kriton Arsenis, Alain Cadec, João Ferreira, Carmen Fraga Estévez, Carl Haglund, Isabella Lövin, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Struan Stevenson, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ole Christensen, Ioannis A. Tsoukalas